**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Dicembru 2023**

**Rikors Guramentat nru: 8 /2023 AGV**

**G B**

**Vs**

**Dr. Joseph P. Bonnici u Daniel Aquilina Bhala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti AB Bìdigriet tat-22 taì Awwissu, 2023**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors guramentat taì GB fejn ippremettiet is-segwenti:-**

Illi r-rikorrent izzewget lill-intimat fis-sittax (16) taì Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) , certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla,  MB , li twieldet fis-sbatax (17) taì Marzu elfejn u hmistax(2015), certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok B.

Illi l-intimat irrenda ruhu hati versu r-rikorrenti taì abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament ta l-intimat.

Illi r-rikorrenti giet abbandunata minn l-intimat zewgha  AB   meta huwa halla dawn il-gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrenti taf li qieghed id-dar taì ommu l-Marokk.

Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali maì zewgha giet reza impossibli.

Illi mìhemm l-ebda prospett taì  rikonciljazzjoni maì zewgha.

Illi r-rikorrenti ipprocediet bil-procedura taì medjazzjoni li giet maghluqa minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, kif jirrizulta minn Dokument  C, anness.

Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Illi r-rikorrenti taf bìdawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment u ssussidjarment minhabba l-abbandun da parti tal-intimat u ghall-finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì  Malta bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet taì Malta tistabbilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha hawn kien hati tal-firda.
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatment mill-intimat.

3. Tordna l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess.

4. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet taì Malta.

5. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri M B esklussivament lir-rikorrenti.

6. Tordna lill-intimat ihallas manteniment ghal bintu M B skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.

7. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti , javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni personali tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Il-Qorti,

Rat ir-Risposta tal-Avukat Dr. Joseph P. Bonnici et nomine fil-kwalitaì taghhom fejn eccepew is-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari l-esponenti mhux edott mill-fatti u jirrizerva minn issa li jipprezentaw risposti ulterjuri skont il-kaz.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati mil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li dawk mir-rikorrenti ma jirrispekkjax dak minnha allegat.

3. Illi l-istess rikorrenti trid tipprova li hija ma kienetx kagun jew kawza tal-istess inkwiet matrimonjali.

4. Illi l-intimat zewgha ghandu kull dritt lilu spettanti mil-Ligi ghall-kustodja u access ghall-istess minuri komuni li mìghandux jigi michuda lilu.

5. Illi ghandu jigi assenjat lilu kull sehem lilu spettanti mill-komunjoni tal-akwisti.

6. Illi relattivament ghall-pendenza tal-manteniment ir-rikorrenti trid tipprova li huwa fi stat ekonomiku accettabli li jirrendih possibli xi forma taì manteniment lil binthom.

7. Illi l-intimati mìghandux isofri l-ebda spejjez.

Salv risposti ulterjuri skont il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**Fatti**

L-attrici tghid li kienet saret Musulmana fuq xelta taghha stess fl-2008 u kienet isseparat mir-ragel taghha fl-2009. Il-hbieb kienu jdejjqu taì spiss sabiex isibulha ragel sabiex tizzewweg u kien fìAwissu, 2013, li habiba taghha rreferitha lil A. Kienet baghtitlu Facebook request u kienu jikkomunikaw bejniethom bit-Taljan.

Kienet saret taf li kieN jahdem bhala bajjad u kien idoqq go banda, izda ma kellux impjieg fiss u lanqas tant kien jipprova jfittex xoghol.

Meta bdew jitkellmu fuq zwieg indunat li kellha ggib id-divorzju sabiex setghet tizzewweg lil A u fil-fatt gabitu fìApril, 2014.

Kienet marret il-Marokk u kienet qghadet mal-familja tal-konvenut. Kienet regghet telghat fìGunju, 2014 fejn ippreparaw id-dokumenti taz-zwieg u dak iz-zmien ma tatx kaz, izda wara rrealizzat li kienet hi li hallset ghal dawn id-dokumenti ghax il-konvenut kien qalilha li ma kellux flus. Kienu zzewwgu fis-17 taì Gunju, 2014.

Wara xahar mizzewwgin, iddecidew li jirritornaw Malta mit-Tunezija u kienu anke baghtu c-certifikat taz-zwieg tal-Marokk lil ohtu sabiex jigi registrat Malta u l-konvenut setaì jinhariglu l-Visa biex jigi Malta. Saret taf ukoll li l-konvenut ma setax jidhol Malta qabel hames snin ghaliex kien deportat. Minn meta zzewwgu kienu ghaddew biss erbaì snin u kien bl-intervent taì missierha mal-Immigrazzjoni biex l-konvenut jidhol fìMalta li rnexxilhom.

Kien fìAwissu, 2014 li gew lura Malta u dak iz-zmien kienet qed tistenna l-ewwel tarbija taghhom. Peress li l-konvenut ma setax jahdem fìMalta mill-ewwel u peress li hi ma tantx kienet tiflah minhabba t-tqala, kellhom jissellfu flus minghand il-genituri taghha. Ghalkemm il-konvenut kien ighin ftit fid-dar kien jidher li kien qed jimmissja d-dar tieghu u kien jikkomunika maghha verament ghall-bzonn.

Meta rcieva l-ewwel paga, il-konvenut beda jinsisti li ried jibghat xi flus lil ommu u dan kien iwassal ghall-glied bejniethom ghaliex kien irid li jaghmel hekk kull xahar u dan meta ma kinux fìqaghda finanzjarja tajba.

It-tifla M twieldet fis-17 taì Marzu, 2015 u kienet twieldet Down Syndrome. Il-konvenut ma kienx jimpurtah u gimgha wara li twieldet it-tifla kien mar lejn il-Marokk u kien dam xi tlett gimghat shah. Kien isiefer kull sitt xhur u jiehu l-flus mieghu u jonfoq hafna fuq hwejjeg tad-ditta.

Tispjega li kienet tipprova tinvolvi lill-konvenut fit-terapija tal-minuri M, izda ma kellux interess u kien ighaddi l-hin tieghu fiaffarijiet ohra.

Izzid tghid li kien hemm hafna tensjoni fiz-zwieg taghhom u dan l-iktar peress li hut l-konvenut kienu jghixu hawn Malta u kienu jindahlu. Anke meta siefret l-unika darba mal-konvenut ghand il-familja tieghu, l-attitudni tieghu lejha tbiddel u lanqas ma giet ittrattata sew mill-familjari tieghu.

Kien ikollhom glied ukoll fuq il-mod kif ghandha titrabba l-minuri u ghalkemm kienet Down Syndrome, l-attrici kienet qed tipprova tghallimha biex tkun indipendenti, filwaqt li l-konvenut kien dejjem jipprova jwaqqaghha tac-cajt quddiem it-tifla.

Kien hemm incident, fejn l-attrici kienet waddbet is-soppa fuq ras il-konvenut, u spicca li kien gab il-puliziija. Kienet spjegatilhom id-dizgwid taghhom u l-pulizija kienu qabblu mal-atttrici. Kienu anke fehmu lill-konvenut li jekk ried setaì jirrapporta lill-attrici lid-Domestic Violence Unit, haga li qatt mìghamel.

Hawn Malta, tghid li l-konvenut ma kienx qed jaghmel hiltu biex jintegra u kienet tispicca tiehu hsieb kollox hi.

FìGunju, 2022, il-konvenut kien mar il-Marokk mìohtu u fejn issoltu kien idum, kien gie wara ghaxart ijiem. Meta rritorna Malta ried li l-attrici tibbukkjalu sabiex japplika ghall-passport Malti, izda l-attrici rrifjutat u l-iktar ma kellix interess xìkien ser jaghmel peress li z-zwieg kien ilu li tfarrak u kienu flimkien minhabba t-tifla.

Fì Settembru, 2022, l-attrici tghid li kellha *burn out* u ma setghetx tidhol xoghol. Kienet sabet hafna support mill-familjari taghha u anke mill-kollegi. Il-konvenut minflok iddecidieda li jieqaf mix-xoghol peress li hass li bil-paga

tal-attrici biss kienu jghixu. Kien icekcek xi xoghol íl hawn u íl hemm biex ikollu bizzejjed sabiex imur il-Marokk.

L-attrici tghid li l-affarijiet qalbu ghall-aghar meta missier il-konvenut miet u kien beda mohhu biex imur hdejn ommu l-Marokk. Izid tghid li kienet taf li z-zwieg kien spicca u lanqas kellha xìtitlef peress li d-dar kienet taghha u anke l-karozza, filwaqt li l-konvenut kellu xi ftit flus li kien gibed u hadhom l-Marokk, flimkien maì xi flejjes li kien wiret minghand missieru.

Tishaq li rrrealizzat li l-konvenut kien qed ibati minn Aspergerìs syndrome u heggigtu biex jiehu t-terapija, izda rrifjuta u kien biss mohhu biex imur hdejn ommu u jahli l-hin ma jaghmel xejn. Meta regaì ddecieda li jmur lejn il-Marokk, l-attrici tammetti li waqqfitlu peress li d-dar mhux lukanda u qaltlu li jekk jitlaq ma kellux ghalfejn jigi lura. Il-konvenut xorta telaq fit-13 taì Dicembru, 2022 u ma regax gie lura.

Kien ghamel kuntatt biex ikellem lit-tifla u l-attrici tammetti li taghmel hilitha sabiex it-tifla titkellem maì missierha tal-anqas darba fil-gimgha. Milli setghet tara mill-video chats, il-konvenut kien qieghed ighix maì ommu u ma kienx qed jahdem ghax bhala persuna kien ghazzien hafna u kien jippretendi li hawn Malta kienu ser jiehdu hsieb il-finanzji l-familja taghha.

Wara li l-konvenut ma rritornax lura, l-attrici kienet irrappurtatu lil ID Malta sabiex tinfurmahom li kien telaq minn Malta u ghalhekk l-ID tieghu kienet skadiet u giet annullata. Kien ghalhekk li kienet fethet il-kawza taì separazzjoni.

L-attrici tghid li tkampa finanzjarjament mix-xoghol taghha u ghandha zewgt itfal minn relazzjonijiet ohra u dawn ighinuha ukoll.

**JB,** missier l-attrici jikkonferma li meta l-konvenut gie Malta ma setax jahdem, izda mbaghad meta gab il-freedom of movement u setaì jahdem ma kienx ifittex xoghol. Pereess li l-attrici kienet qed tistenna tarbija, iddecieda li jdahhlu jahdem maghhom biex tal-anqas kellu salarju baziku.

Ighid ukoll li l-konvenut kien jahdem, izda jekk kien jipprova jbiddilu r-rutina kien jirrabbja. Kienu jaghtuh xoghol li setaì jaghmel wahdu u bi kwiet peress li kien ihobb jiggieled.

Missier l-attrici jispjega li l-konvenut kien ihossu specjali u kien beda jippretendi li jkollu *helper* u li tizdiedlu l-paga, izda ma kienx jistinka bizzejjed biex javvanza fìxogholu.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut ma kienx iqattaì hin mal-familja u kienet martu li kienet tghin bit-tifla M  u zzommha sakemm l-attrici kienet tispicca mix-xoghol. Wara li l-konvenut telaq minn Malta kien hu li rrakkomanda lill-attrici sabiex tissepara.

**MD B** , omm l-attrici tikkonferma li l-konvenut ma qatt ma kien ragel u missier prezenti. L-attrici kienet dejjem tahdem u tistinka ghall-familja, filwaqt li hu kien joqghod id-dar fuq il-mobile. Jekk it-tifla kienet tkun mieghu kien ihalliha fuq it-tablet biex ma joqoghodx maghha u kienet tiddejjaq u tmur ghand nannintha peress li joqoghdu fuq xulxin. Tghid li hi kienet tghin l-attrici hafna bit-tifla u kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet irrabbjat mal-konvenut peress li lanqas kien jiddennja ruhu jiehu lit-tifla l-bandli li kienu faccata tad-dar taghhom.

**MM**, bin l-attrici jghid li fil-perjodu li kien ighix mal-attrici u l-konvenut kienu jippruvaw jinvolvuh fihajjithom u kien anke jipprova jghinu fil-manutenzjoni tad-dar, izda jghid li l-konvenut kellu rasu iebsa u tant kien igib kollox bil-kbir li kien jippreferi jaghmel kollox wahdu.

Kien dejjem iwieghed li ser jaghmel xi xogholijiet, imma mbaghad ma jaghmel xejn u donnu kien jaghmilha apposta sabiex ihoss li kellhom bzonnu, meta fil-fatt ma kienux riedu jinvolvuh.

Jispjega li l-konvenut kien dejjem id-dar bil-headphones, anke waqt l-ikel donnu biex ikun izolat minnhom. Meta beda jahdem part-time, il-konvenut beda jippretendi li kellu jibda jghaddi l-flus lill-attrici u jieqaf hu. L-attrici opponiet ghal dan, izda s-sitwazzjoni qalbet ghall-aghar meta beda jahdem full-time.

Jammetti li minn mindu telaq il-konvenut, hu qed ighin lill-attrici bil-manutenzjoni u bl-affarijiet tad-dar. Ommu kienet tahdem izjed sabiex tkun tistaì thallas it-terapija tat-tifla, mentre l-konvenut lanqas kellu ideja kif titmexxa familja.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

L-attrici taddebita lill-konvenut il-htija tas-separazzjoni minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

Dwar l-adulterju ma tressqu ebda provi u ghaldaqstant, dan l-aggravju mhux ser jigi kkunsidrat minn dina l-Qorti.

### <u>Abbandun</u>

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

> ***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva."***

Dan l-aggravvju jirrikjedi li jigu ppruvati certi kundizzjonijiet. It-terminu sabiex l-abbandun jista' jigi kkonfermat huwa ta' sentejn, kif ukoll jehtieg li hemm ragunijiet gustifikabbli sabiex sar l-abbandun,

L-attrici spjegat li l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali kien fiDicembru, 2022 u ghaldaqstant dan l-aggravju ma jistax jinghad li gie ppruvat peress li ma skadewx is-sentejn.

__Sevizzi/Eccessi/Ingurji Gravi__

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi;

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi

kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune.***"

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***
>
> ***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

*"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*

*"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."*

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

Dwar dawn l-aggravji, mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut huwa responsabbli taì sevizzi u eccessi fil-konfront tal-attrici. Huwa kkonfermat mix-xhieda prodotta mill-attrici li l-konvenut ried jigi Malta sabiex ikun jistaì jakkwista passaport Malti. Ghall-bidu ma setax jahdem, izda meta nghata l-karta taì identitaì Maltija u xorta baqaì ma jistinkax sabiex isib impjieg, kien

missier l-attrici li impjegah mieghu. Jammetti li kien jahdem, izda kien jippretendi wisq u ma tantx kien imidd idejh jew jistinka.

Din l-attitudni tal-konvenut tkompli tissahhah mix-xhieda tal-attrici, kif ikkorroborrata mill-familjari taghha u dan meta l-partijiet kellhom tifla bid-Down Syndrome u kienet l-attrici biss li kienet tara kif taghmel sabiex tehdodha terapija u anke tghallimha sabiex tkun iktar indipendenti.

Kienet omm l-attrici MDB li kienet tghin fit-trobbija tat-tifla billi tigboraha mill-iskola u kienet toqghod maghha sakemm l-attrici kienet tirritorna lura mix-xoghol. Il-konvenut kien joqoghod id-dar bil-headphones, lanqas kien jiddenja ruhu jiehu lit-tifla fuq il-bandli faccata tad-dar u kien jippreferi jhalliha tqattaì l-hin fuq l-Ipad sabiex joqghod fuq il-mobile.

Il-konvenut kien jikkontribwixxi ftit wisq ghall-familja tieghu u bin l-attrici MM ighid li kien jaghmel hiltu biex jinvolvih fil-familja, izda l-konveut kien rasu iebsa u kien jiehu gost jekk kienu jurih li kienu bzonnu, meta fir-realtaì kienu jevitawh ghax kien igib id-dinja fit-tarf ghal kollox.

Meta l-attrici kienet tahdem full-time kien ippretenda li jieqaf jahdem u jaghmel xi cekcik sabiex ikollu flus biex imur il-marokk. Bin l-attrici MM stqarr li l-konvenut kien anke ppretenda li peress li kien beda jahdem kellu jikkontribwixxi lejn il-familja sabiex hu ihallas nofs l-ispejjes biss. Meta beda jahdem full-time beda jinsisti izjed.

L-attrici ppruvat ukoll li l-konvenut ma kienx lest jikkontribwixxi lanqas ghall-bzonnijiet tat-tifla meta kellha bzonn it-terapija u lanqas qatt ma assuma r-rwol tieghu bhala missier. Fil-fatt, bin l-attrici kien spicca iktar ghamilha hu tar-ragel tal-familja.

Iz-zwieg kif zvolga ma jhalli ebda dubbju li l-konvenut ma kellu ebda interess ghajr li jkollu Visa ghal Malta,

Fid-dawl taì dawn ic-cirkostanzi, dina l-Qorti tikkonferma li l-konvenut huwa hati tas-separazzjoni minhabba li gew ippruvati sevizzi u eccessi li kkommetta fil-konfront tal-attrici.

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Il-partijiet kellhom tifla M li llum ghadha minorenni. Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-konvenut qatt ma kien jaghti kaz it-tifla, tant li qabad u telaq lejn il-Marokk sabiex jiehu hsieb lil ommu peress li missieru kien gie nieqes.

Inoltre, it-tifla minuri ghandha certi bzonnijiet iktar mis-soltu peress li hija Down Syndrome, fatt li l-konvenut kien totalment maqtugh mir-realtaì, fejn it-tifla kellha bzonn terapija kontinwa.

Fic-cirkostanzi, dina l-Qorti, fid-decizjoni taghha dwar kura u kustodja tal-minuri, dejjem ghandha thares l-interessi tal-minuri u mizjud maì dan hemm ukoll il-fatt li l-konvenut mar ighix il-Marokk. Ghaldaqstant, tiddeciedi li l-kura u kustodja tal-minuri M ghandha tigi fdata fiidejn l-attrici.

**<u>Manteniment</u>**

Meta dina l-Qorti ghandha tiddeciedi dwar il-manteniment li qed jigi mitlub ghall-minuri M, dina l-Qorti dejjem ghandha tikkunsidra l-bzonnjiiet tal-genitur li jkun qed jitlob manteniment, kif ukoll il-mezzi tal-genitur li minnu jkun qed jintalab il-manteniment.

L-attrici kkonfermat li hi tahdem full-time, peroì dwar il-konvenut, minn mindu mar ighix il-Marokk, mìghandhiex hjiel jekkk hux qed jahdem jew le, L-attrici

ttenni li l-konvenut huwa persuna ghazzien hafna u ma tantx huwa persuna li jistinka ghax-xoghol. Madnakollu, jiqbaì l-fatt li huwa missier M u kif l-attrici ghandha certi obbligi fifl-konfront taghha, l-istess il-konvenut ma jistax jahrab mill-obbligi tieghu bhala missier, fejn wiehed mill-obbligi fundamentali huwa l-hlas tal-alimenti.

Jirrizulta li l-attrici minn dejjem assummiet il-maggorparti taì dawn l-ispejjes, peroì t-tifla, bhal kull minuri ghandha l-ispejjes taghha, inkluz dawk tal-edukazzjoni u tas-sahha, u fil-kaz taì M ghandha ukoll spejjes relatati mat-terapija taghha.

L-attrici ma prezentant ebda prospett taì kemm jammontaw dawan l-ispejjes fix-xahar. Lanqas mìghandha l-Qorti, hjiel tal-introjtu tal-konvenut. Madanakollu, l-obbligu tieghu jirrikjedi li tal-anqas jikkontribiwixxi l-minimu li bhala prassi qed tadotta l-Qorti meta ma hemmx provi tal-mezzi.

Ghaldaqstant, tordna lill-konvenut sabiex ihallas Å200, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha tal-istess minuri u dawn ghandhom jizdiedu kull sena skond l-gholi tal-hajja. Il-manteniment ghandu jibqaì jithallas sakemm it-tifla ssir maggorenni jew tibda tahdem, jew sakemm taghlaq 23 sena jekk kemm il-darba tkompli tistudja full-time.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

L-attrici ma pproducietx provi dwar l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, hlief li semmiet li d-dar u cioeì l-fond 48, Flat 2, Triq il-Qatta, Swieqi hija parafernali u anke l-karozza. Dwar il-vettura ma ngabux provi u lanqas ma tressaq rapprezentant tat-Transport Malta.

Lanqas ma tressqu rapprezentanti tal-banek lokali sabiex il-Qorti tkun taf dwar il-kontijiet bankarji tal-partijiet.

Fic-cirkostanzi, tikkonferma li l-fond 48, Flat 2, Triq il-Qatta, Swieqi hija parafernali ghall-attrici.

Kwalsiasi vetturi fil-pussess tal-attrici qed jigu assenjati lilha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqtaì u tiddeciedi billi:-

1. Tilqaì l-ewwel talba attrici u tawtorizza s-separazzjoni bejn il-partijiet ghar-ragunijiet taì sevizzi u eccessi imputabbli lill-konvenut li wassal sabiex iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.
2. Tilqaì t-tieni talba attrici.
3. Tilqaì t-tielet talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.
4. Tilqaì r-rabaì talba attrici.
5. Tilqaì l-hames talba attrici.
6. Tilqaì s-sitt talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghall-minuri Maya kif fuq imfisser.
7. Tilqaì s-sebaì talba attrici.

Rat ukoll id-digriet taì dina l-Qorti tal-11 taì Lulju, 2023, fejn akkoliet it-talba tal-attrici sabiex izid talbiet ohrajn fir-rikors taghha datat 10 taì Lulju, 2023[1] u ghaldaqstant, dina l-Qorti taqtaì u tiddeciedi billi:-

8. Tilqaì t-tmien talba attrici, u cjoe tawtorizza li kwalunkwe beneficcju li tistaì tkun elegibbli ghalih ir-rikorrenti bhala genitur, inkluz izda mhux

[1] Ara fol. 42

limitat ghac-childrenìs allowance relattiv ghall-minuri jigi percepit esklussivament mir-rikorrenti

9. Tilqaì d-disaì talba attrici, u cjoeì li tawtorizza lir -rikorenti sabiex tapplika ghal passaport relattiv tal-minuri wehidha minghajr il-kunsens , jew Awtorizzazzjoni jew firma tal-intimat
10. Tilqaì l-ghaxar talba attrici, u tawtorizza li r-rikorrenti sabiex ssiefer barra minn Malta flimkien mal- minuri minghajr il-firma, awtorizazzjoni jew kunsens tal- intimat.
11. Tilqaì l-hdax-il talba attrici u tordna li jigi kkoregut ic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi kunjom tal-minuri jinbidel minn B ghal BB u dan fl-ahjar interess suprem tal-minuri.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati temporanjament mill-attrici, izda jsiru rekuperabbli mill-konvenut hekk kif jinstab.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**